MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 206/2010

**Sirap Limited (C-7395)**

**Vs**

**IT 2010 Limited (C-17791) precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited u Carmel sive Charles Bonnici Monpalao personalment (Karta ta' l-Identità bin-Numru 543476M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Sirap Limited fit-3 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema titlob li s-socjetà IT 2010 Limited, precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited, u Carmel sive Charles Bonnici Monpalao personalment jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta' erbat elef sitt mija hamsa u sittin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€4,665.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' apparat u accessorji ta' *computers* mibjugha u konsenjati lil A to Z Limited, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-9 ta' Marzu

2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji mahruga kontestwalment mar-Rikors, kontra is-socjetà IT 2010 Limited u Carmel sive Charles Bonnici Monpalao;

Rat id-dokument anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Carmel sive Charles Bonnici Monpalao permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi qatt ma xtara, ordna jew talab li jigi konsenjat lilu jew ghalih personalment xi apparat u/jew accessorji elettronici u/jew tal-*computer*; (ii) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnu w is-socjetà attrici u li kif gie allegat mill-istess socjetà attrici, id-debitur tas-somma mitluba hija s-socjetà A to Z Electronics u mhux hu f’ismu personali;

Rat id-dokument anness mar-Risposta tal-konvenut a fol. 11 tal-process;

Rat li s-socjetà konvenuta IT 2010 Limited giet notifikata bir-Rikors promotur izda naqset milli tipprezenta Risposta ghall-istess;

Rat l-atti tar-Rikors Nru. 217/10 relattiv ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet “Sirap Limited v. IT 2010 Limited et” degretat fit-12 ta’ Lulju 2010, liema atti gew allegati ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tat-22 ta’ Novembru 2010[1], tat-3 ta’ Frar 2011[2] u ta’ l-20 ta’ Frar 2012[3] u rat id-dokumenti esebiti mill-istess konvenut markati bhala Dok. “CB1” u Dok. “CB2” a fol. 16 sa’ 22 tal-process u Dok. “CB3” a fol. 26 sa’ 29 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Clive Farrugia moghtija

[1] Fol. 23 u 24 tal-process.
[2] Fol. 30 tal-process.
[3] Fol. 105 sa’ 108 tal-process.

waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CF1" a fol. 36 sa' 42 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Tonio Paris moghtija waqt is-seduti tat-18 ta' Ottubru 2011[5] u ta' l-20 ta' Frar 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 46 sa' 52 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 87 sa' 102 tal-process, rat l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti annessi mieghu[7] pprezentati fid-9 ta' Jannar 2012;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta u l-konvenut f'ismu personali jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €4,665.26 bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' apparat u accessorji tal-*computers* mibjugha u konsenjati lis-socjetà A to Z Limited. Is-socjetà konvenuta ghad illi notifikata bir-Rikors promotur baqghet kontumaci stante li ma pprezentatx Risposta ghall-istess. Il-konvenut mill-banda l-ohra jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici in kwantu huwa qatt ma xtara, ordna jew talab li jigi konsenjat lilu jew ghalih personalment xi apparat u/jew accessorji elettronici u/jew *computer*. Jeccepixxi wkoll li t-talba attrici kif diretta fil-konfront tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u bhala tali ghandha tigi michuda, stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjetà attrici u li skond kif affermat mill-istess socjetà attrici d-debitur taghha hija is-socjetà A to Z Electronics u mhux hu f'ismu personali.

---

[4] Fol. 43 tal-process.
[5] Fol. 53 tal-process.
[6] Fol. 103 tal-process.
[7] Fol. 56 sa' 102 tal-process.

Mill-provi prodotti kemm mis-socjetà attrici kif ukoll mill-konvenut jirrizulta bl-iktar mod car u inekwivoku li s-socjetà attrici kienet tinnegozja mas-socjetà A to Z Limited, illum maghrufa bl-isem IT 20l0 Limited stante li l-isem A to Z Electronics gie assenjat lil terzi[8]. Tonio Paris, Managing Director tas-socjetà attrici, jikkonferma li n-negozju tas-socjetà minnu rapprezentata dejjem kien mas-socjetà A to Z Limited u ghalkemm l-ordnijiet kienu jsiru mill-konvenut jew minn xi hadd inkarigat minnu, dawn dejjem kienu jsiru ghan-nom tas-socjetà A to Z Limited[9]. Il-fatturi mertu ta' dawn il-proceduri esebiti minn Tonio Paris fl-atti tar-Rikors Nru. 217/10 relattiv ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1950/10 fl-ismijiet "Sirap Limited v. IT 2010 Limited et" waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2010 markati Dok. "AP3" a fol. 14 sa' 26 ta' dawk l-atti processwali, ukoll inhargu kollha f'isem A to Z Electronics, ossia s-socjetà konvenuta llum maghrufa bl-isem IT 2010 Limited. Konsegwentement ghalhekk ir-relazzjoni guridika nascenti minn dan in-negozju hija bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta IT 2010 Limited, precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited, liema socjetà baqghet kontumaci in kwantu ma ipprezentatx Risposta ghar-Rikors promotur notifikat lilha.

Ghalkemm il-kontumacja ma ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha ta' l-imharrek ghal dak li jkun qed jintalab mill-parti attrici, anzi ghall-kuntrarju l-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni[10], fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax tinjora l-import guridiku tad-dikjarazzjoni li ghamel Carmel sive Charles Bonnici Monpalao, Managing Director tas-socjetà konvenuta, waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2010[11], ossia li *din is-socjetà ma topponix u ma toggezzjonax ghall-ammont mitlub minn Sirap Limited. Fir-rigward ta' meta ser tkun f'posizzjoni thallas dan l-ammont nghid li ghaddejjin minn process fejn qed inbieghu xi merkanzija li ghandna biex*

---

8 Vide xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2010, fol. 23 u 24 tal-process.

9 Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2010 fl-atti tar-Rikors Nru. 217/10 relattiv ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1950/10 fl-ismijiet "Sirap Limited v. IT 2010 Limited et".

10 Helen sive Nellie Miceli et v. Carmelo sive Charles Pisani, Citaz. Nru. 1761/01, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2004.

11 Fol. 23 u 24 tal-process.

*nigbru l-fondi u malli jkollna l-fondi necessarji ahna nkunu nistghu inhallsu.*

Fil-fehma tal-Qorti din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi ammissjoni cara da parte tas-socjetà konvenuta li hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma pretiza ta' €4,665.26. Minn din l-istess dikjarazzjoni johrog car ukoll li filwaqt li s-socjetà konvenuta taccetta u tirrikonoxxi li hija debitrici tas-socjetà attrici, ma hijiex f'posizzjoni tghid ezattament meta tali hlas jista' jigi effettwat minhabba l-problemi finanzjarji li ghaddejja minnhom. Huma proprju dawn il-problemi finanzjarji tas-socjetà konvenuta li wasslu lis-socjetà attrici biex tharrek lil Carmel sive Charles Bonnici Monpalao f'ismu personali ghall-fini li huwa jigi kkundannat ihallas l-imsemmi ammont ta' €4,665.26.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenut jikkontesta t-talba attrici kif dedotta fil-konfront tieghu billi jikkontendi li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u li fi kwalunkwe kaz it-talba attrici kif impostata fil-konfront tieghu hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li bejnu f'ismu personali u s-socjetà attrici ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika. Waqt it-trattazzjoni orali l-konvenut ulterjorment issottometta li s-socjetà attrici ma tistax izzommu personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà IT 2010 Limited già maghrufa bhala A to Z Limited permezz ta' azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu stante li tali sitwazzjoni hija kontemplata biss fil-kuntest ta' proceduri ghal stralc ta' kumpannija u senjatament skond kif provdut fl-Artikoli 315 u 316 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din is-sottomissjoni l-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" Citaz. Nru. 1903/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2007 u ghas-sentenza fl-ismijiet "G.Molton Company Limited v. Dr. Raymond Borg et" Avviz Nru.9/09 deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 2011. F'dawn is-sentenzi u senjatament fis-sentenza fl-ismijiet "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" gie osservat illi: *is-*

*socjetà attrici qed titlob li d-diretturi tal-kumpanija Price Club Operators Ltd. jigu dikjarati personalment responsabbli ghal ghemilhom lejn is-socjetà attrici. Il-Ligi tal-kumpaniji però ma tipprovdix ghall-kaz ta' responsabbilità illimitata ta' l-azzjonisti jekk mhux fil-kaz ta' fraudulent jew wrongful trading. Fil-fatt dak li qed tallega s-socjetà attrici jista' jinkwadra ruhu taht fraudulent jew wrongful trading, u dana peress li qed tallega li d-direttur tal-kumpanija ghamlu zmien joperaw meta kellhom kumulu ta' debiti li kienu jafu li ma setghux ihallsu. Ghalkemm l-agir lamentat jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilità personali tad-diretturi, tali responsabilità personali tista' tigi dikjarata biss waqt li l-kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur ta' l-artikolu 315 u 316 tal-imsemmi Kap.386. Il-ligi tal-kumpaniji, li hi ligi specjali li tirregola l-kumpaniji u l-ufficjali taghha, ma tipprovdix rimedji ohra kontra allegat abbuz tad-diretturi u meta istitut hu regolat b'ligi specjali mhux lecitu li ssir riferenza ghal xi principju generali tad-dritt. Hu minnu li, b'mod generali, min jabbuza bid-drittijiet moghtija lilu jista' jkun passibbli ghal danni, izda meta istitut hu regolat b'ligi specjali, hi biss dik il-ligi li ghandha tigi kkunsidrata ghall-fini ta' responsabilità tal-partijiet u tar-rimedji moghtija – "specialia generalibus derogant"… F'dan il-kaz, il-ligi specjali rregolat kif u meta diretturi jistghu jinstabu responsabbli personalment ghad-djun tal-kumpanija taghhom, u hi biss fil-limiti ta' dak provdut f'dik il-ligi specjali li r-rimedji jridu jinstabu. Din il-Qorti già ittrattat dan il-punt fil-kawzi "Theuma v. Cachia" deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, u "Hi-Timber Co. Ltd. v. Baldacchino et" deciza fil-15 ta' Dicembru 2005, u gie osservat li, filwaqt li l-att ta' l-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap.386) jaghti rimedju kontra agir abbuziv jew "hazin" tad-diretturi, dan irid jintalab fil-kuntest ta' proceduri ta' stralc kontra l-kumpanija. Fil-kawza deciza l-ahhar din il-Qorti kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet: "Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilità personali, minghajr ebda limitazzjoni "meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf, qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-*

*xoljiment minhabba l-insolvenza taghha". Hekk ukoll hija l-posizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb "Farrar's Company Law" (Edit. 1998 pag. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta' "wrongful trading": "The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation"*.

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubju li s-socjetà attrici tallega li l-konvenut *qua* Direttur tas-socjetà IT 2010 Limited precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited agixxa b'mod frawdolenti fil-konfront taghha. Dana johrog ferm car kemm mit-tip ta' provi li ressqet is-socjetà attrici waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri u l-proceduri ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 217/10 kif ukoll mis-sottomissjonijiet minnha avvanzati waqt it-trattazzjoni finali f'din il-kawza. In effetti s-socjetà attrici tishaq li mill-provi johrog car li s-socjetà konvenuta ghandha iktar djun milli assi, li kien hemm likwidazzjoni mhux ufficjali *in corso* tant illi inbiegh l-isem tas-socjetà A to Z Limited u li l-konvenut ipprova jbiegh xi oggetti appartenenti lis-socjetà, fatturi dawn li skontha kollha juru li l-konvenut *qua* Direttur tas-socjetà konvenuta ipprova jagixxi b'mod frawdolenti fil-konfront taghha u konsegwentement ghalhekk ghandu jirrispondi personalment ghad-dejn tas-socjetà konvenuta maghha.

Din il-Qorti però hija pjenament konkordi ma' l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza "Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et pro et noe" iktar 'l fuq citata u hi wkoll hija tal-fehma li Direttur ta' socjetà kummercjali jista' jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà biss waqt li s-socjetà tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur ta' l-Artikolu 315 u 316 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux fil-kuntest ta' azzjoni ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu, li hi appuntu l-azzjoni intentata mis-socjetà attrici

fil-konfront kemm tas-socjetà konvenuta kif ukoll tal-konvenut f'ismu personali.

Is-socjetà attrici da parte taghha tikkontendi li l-gurisprudenza nostrali fir-rigward tar-responsabilità personali tad-Direttur ghad-djun ta' socjetà kummercjali hija konfliggenti fis-sens illi hemm certa sentenzi li jipprovdu li jista' jkun hemm *the lifting of the corporate veil* anke fil-kuntest ta' proceduri li ma humiex dawk previsti fl-Artikoli 315 u 316 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm is-socjetà attrici naqset milli taghmel referenza ghal xi sentenza jew sentenzi specifici biex tissosstanzja dak minnha affermat, huwa minnu li f'certa determinati sitwazzjonijiet Direttur ta' socjetà kummercjali gie li nstab personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà minnu rapprezentata fil-kuntest ta' azzjoni ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu, hekk per ezempju kif kien il-kaz fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Briffa pro et noe v. Vincent Oliver Abela pro et noe, Citaz. Nru. 486/94** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003.

Fl-imsemmija sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *l-attur tajjeb jirrileva fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu illi fuq it-taghlim gurisprudenzjali akkolt f'bosta sentenzi "id-direttur f'socjetà hu meqjus bhala mandatarju tas-socjetà fir-relazzjonijiet interni ma' dik l-istess socjetà filwaqt li hu kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjetà fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni. Minkejja din id-distinzjoni fil-prattika, anke mil-lat legali, ftit jista' jkun hemm divergenza bejn dawn iz-zewg tipi ta' rapprezentanza u dan in vista' ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc fir-rigward tal-ligi applikabbli ghal rapprezentanza kummercjali. Ir-referenza li jaghmel dan l-artikolu hi ghall-artikolu tal-ligi fil-Kodici Civili li jitratta l-Mandat (Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili" – Dottor Anthony H. Farrugia nomine v. Vernie Carbone nomine, Appell, 30 ta' Mejju 2001. Issa hu minnu li d-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV ta' l-1995 li jirrigwarda l-Kumpaniji huma mahsuba, senjatament l-Artikolu 137 tieghu, biex jizguraw li s-socjetà taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi taghha fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni*

*ta' responsabilità fit-tmexxija taghha (Ara sentenza fl-ismijiet Catherine Galea v. Milica Micovic noe, Appell, 19 ta' Novembru 2001). B'danakollu ma hemmx dubju li f'certi determinati sitwazzjonijiet d-direttur ikun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delittwuz minnu stess kommess. Dwar din ir-responsabilità tad-diretturi jinghad fil-Palmer's "Company Law" (21st Edition, 1968 page 572) "Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for it himself, and, nonetheless so, that he was acting as an agent or servant on behalf and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of, fraud or any other wrong. The Company may also be liable but that does not exonerate the director…" … Dan hu hekk il-kaz anke fejn id-direttur ma jikkommettix l-agir delittwuz personalment imma jippermetti lil haddiehor fil-kumpanija li jikkommettih. Dejjem kif isostni l-Palmer "a director who, whilst not committing a tort himself, has authorized, directed or procured the commission of a tort by his company may be personally liable to the victim of the tort even though he was not aware that the acts so authorized were tortuous or did not care whether the acts were tortuous or not[12]" (Company Law, 24th Edition, 1987, pp 970 et seq).*

Minn din is-silta appena citata johrog car li fil-kuntest ta' azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu Direttur ta' socjetà kummercjali jista' jinstab personalment responsabbli ghad-djun ta' dik is-socjetà biss meta jirrizulta b'mod car u sodisfacenti li direttament jew indirettament jkun agixxa b'mod jew ippartecipa f'agir frawdolenti jew agir delittwuz iehor fil-konfront ta' terzi. Konsegwentement fin-nuqqas ta' tali prova d-Direttur ma jkunx jista' jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-djun tas-socjetà minnu rapprezentata fil-kuntest ta' azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu.

---

12 Sottolinear ta' din il-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami s-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-konvenut *qua* Direttur tas-socjetà konvenuta IT 2010 Limited precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited agixxa jew ippartecipa f'agir frawdolenti fil-konfront taghha *qua* kreditur tas-socjetà konvenuta. Ghalkemm is-socjetà attrici tikkritika lill-konvenut ghall-fatt li huwa ttrasferixxa l-isem A to Z Electronics lil terzi minghajr ma avza lill-kredituri tas-socjetà konvenuta, hija ma ressqet l-ebda prova li din l-assenjazzjoni sehhet bl-intenzjoni li jigu defrawdati il-kredituri tas-socjetà konvenuta, inkluza hi, u mhux bl-intenzjoni li jigu iggenerati fondi halli s-socjetà konvenuta tkun f'posizzjoni thallas xi djun illi kellha kif affermat mill-konvenut. Is-socjetà attrici tattakka lill-konvenut ghall-fatt li huwa kien qed jipprova jbiegh, inkluz lilha, oggetti appartenenti lis-socjetà konvenuta meta skontha din l-istess socjetà kienet fil-process ta' likwidazzjoni, izda f'dan il-kaz ukoll is-socjetà attrici naqset milli tipprova li f'dak il-perijodu s-socjetà konvenuta verament kienet qed tigi likwidata u b'hekk il-konvenut verament kien qed jaghmel *assets stripping* tas-socjetà konvenuta kif minnha allegat fl-e-mail datata 25 ta' Mejju 2010 esebita a fol. 11 ta' l-atti tar-Rikors Nru. 217/10 relattiv ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet "Sirap Limited v. IT 2010 Limited et" degretat fit-12 ta' Lulju 2010. In fine s-socjetà attrici tikkontendi wkoll li s-socjetà konvenuta – bl-involviment tad-Direttur taghha – kienet waqghet lura fil-hlasijiet sa' mill-bidu nett tar-relazzjoni lavorattiva taghha. Dan il-fatt fih innifsu però ma jikkostitwixxix prova ta' agir frawdolenti da parte tas-socjetà konvenuta u/jew tal-konvenut *qua* Direttur taghha. In effetti mir-rendikont tas-socjetà konvenuta mahrug mis-socjetà attrici esebit minn Tonio Paris bhala Dok. "GV1" a fol. 87 sa' 102 tal-process jirrizulta li ghalkemm kien hemm diversi okkazzjonijiet meta s-socjetà konvenuta hallset lis-socjetà konvenuta f'termini kemm xejn oltre l-*credit terms* lilha koncessi, l-istess socjetà konvenuta dejjem hallset dak minnha dovut lis-socjetà attrici hlief ghall-ahhar seba' fatturi mahruga mis-socjetà attrici li huma appuntu l-fatturi mertu tal-kontestazzjoni. Il-fatt li s-socjetà konvenuta setghet matul iz-zmien waqghet lura fil-hlasijiet minhabba problemi finanzjarji li seta' kellha ma

jistax jitqies bhala prova ta’ agir frawdolenti, partikolarment meta l-ammonti dovuti, hlief ghal dawk mertu tal-proceduri, finlament spiccaw biex thallsu.

In kwantu rigwarda l-ahhar seba’ fatturi li baqghu ma thallsux mis-socjetà konvenuta s-socjetà attrici tikkontendi li l-konvenut huwa personalment responsabbli ghall-hlas ta’ l-import ta’ dawn il-fatturi ghaliex is-socjetà konvenuta naqset milli tonora ftehim li allegatament kellhom bejniethom. Fir-rigward Tonio Paris, Managing Director tas-socjetà attrici, fix-xhieda li ta waqt is-smigh tar-Rikors Nru. 217/10 relattiv ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet “Sirap Limited v. IT 2010 Limited et” iddikjara li *s-Sur Monpalao kien jigi ghandi u jghidli biex nghinu. Ahna fil-fatt konna minhabba n-nuqqas ta’ hlasijiet waqqafna d-deliveries izda imbaghad konna pprovdejna xi merkanzija ohra li huma l-invoices pendenti u meritu ta’ dan is-sekwestru. Billi l-klijenti kienu klijenti tajbin is-Sur Bonnici Monpalao kellu jhallasna appena jsir il-hlas lilu. ... Jiena minn hawn u minn hemm sirt naf li whud minn dawn l-affarijiet fil-fatt inbieghu u l-hlasijiet saru lis-socjetà, izda ahna mbaghad bqajna ma thallasniex. Jiena rrid nghid li dan sirt nafu minghand certa nies illi kumbinazzjoni gew ghandi jew biex isewwu xi technical faults jew biex jixtru xi affarijiet ohra u jien b’hekk sirt naf li dawn l-oggetti inbieghu*[13].

Fil-fehma tal-Qorti minn dak dikjarat minn Tonio Paris, liema dikjarazzjoni fi kwalunkwe kaz ma giet bl-ebda mod korroborata specjalment fid-dawl tal-fatt li l-konvenut cahad li kien hemm dan it-tip ta’ ftehim bejn iz-zewg socjetajiet, ma jirrizulta l-ebda element li jista’ jwassalha biex izzomm lill-konvenut personalment responsabbli ghall-hlas tas-somma ta’ €4,665.26. Kemm-il darba s-socjetà attrici timplika li l-konvenut bit-talba ghall-konsenja ta’ din il-merkanzija kellu l-intenzjoni li jiddefrawaha certament ma jistax jinghad li x-xhieda ta’ Tonio Paris tikkostitwixxi prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjoni serja

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta’ Gunju 2010, fol. 27 sa’ 32 tal-process relattiv ghar-Rikors Nru. 217/10 pertinenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet “Sirap Limited v. IT 2010 Limited et” degretat fit-12 ta’ Lulju 2010.

bhal ma hi dik ta' agir frawdolenti u invece kemm-il darba timplika li b'dan l-allegat ftehim li z-zewg socjetajiet kellhom bejniethom il-konvenut assuma fuqu personalment ir-responsabilità tal-hlas f'kaz li is-socjetà konvenuta tonoqs milli thallas, tali assunzjoni tad-dejn assolutament ma tirrizultax.

In sostenn tat-talba taghha fil-konfront tal-konvenut f'ismu personali s-socjetà konvenuta ulterjorment ressqet bhala prova l-atti ta' Cedola ta' Depozitu fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1179/10 fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Charles Bonici Mompalao f'ismek personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom un in rapprezentanza tas-socjetà A to Z Electronics Limited" u fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1985/10 fl-ismijiet "Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Charles Bonici Mompalao f'ismek personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom un in rapprezentanza tas-socjetà IT 2010 Limited" u l-atti tar- Rikors ta' Zbank relattiv ipprezentat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[14], minn liema jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien qed ifittex lill-konvenut f'ismu personali ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta mis-socjetà konvenuta. Il-proceduri istitwiti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tal-konvenut u tas-socjetà konvenuta però ma huma ta' ebda ghajnuna ghas-socjetà attrici u ghall-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut f'ismu personali stante li l-jedd tal-Kummissarju tat-Taxxi (Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jdur fuq Direttur ta' socjetà kummercjali ghall-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta mill-istess socjetà jirrizulta mill-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija ligi specjali u d-disposizzjonijiet taghha ma jistghux jintuzaw fil-kuntest ta' krediti kummercjali normali.

Ghalhekk thares minn fejn thares lejn it-talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-konvenut f'ismu personali jirrizulta li din ma tistax tigi milqugha.

---

[14] Dok. "GV1" a fol. 46 sa' 52 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'ismu personali u tichad it-talba attrici kif dedotta fil-konfront tieghu personalment, tilqa' l-istess talba attrici kif dedotta fil-konfront tas-socjetà konvenuta u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €4,665.26, bl-imghax legali dekoribbli mis-26 ta' Gunju 2009 (ossia mit-tletin gurnata wara d-data ta' l-ahhar fattura datata 27 ta' Mejju 2009) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghal dawk relattivi ghall-konvenut f'ismu personali, ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-konvenut f'ismu personali ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------